**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta, 22 ta` Settembru 2020**

**Kawza Nru. 2**
**Rikors Nru. 507/2020 JZM**

**Wurth Limited (C9916)**

***kontra***

**Taca Insaat Ve Ticaret A.S. (OC 1225)**

**Il-Qorti :**

## A. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fis-26 ta` Gunju 2020 li jaqra hekk :–

*1. Illi l-kumpanija intimata hija debitrici tal-kumpanija rikorrenti fis-somma ta` dsatax-il elf, sitt mija hamsa u erbghin ewro u disgha u tmenin centezmi (€19,645.89), bilanc minn somma akbar, prezz ta` merkanzija minnha ordnata u lilha kkonfermata fuq inkarigu taghha*

*stess, u dana kif jidher minn kopja tal-istatement hawn anness 1i mmarkat Dokument A;*

*2. Illi l-kumpanija intimata, minkejja li nterpellata diversi drabi sabiex thallas, baqghet inadempjenti;*

*3. Illi d-debitu hawn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u l-kumpanija intimata m`ghandhiex eccezzjonijiet x`taghti ghat-talba rikorrenti.*

*4. Illi fil-fehma tas-socjeta` attrici, s-socjeta` intimata m`ghandiex difiza x`taghti kontra t-talba attrici.*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, ir-rikorrent umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddeciedi li tilqa` t-talba tar-rikorrenti u tordna d-dispensa mis-smigh tal-kawza b`applikazjoni ta` artikolu 167 et seq ta` Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` intimata hija kreditrici tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta` dsatax-il elf, sitt mija hamsa u erbghin ewro u disgha u tmenin centezmi (€19,645.89) rapprezentanti l-bilanc ta` dejn cert, likwidu, u li ghalaq;*

*3. Tordna u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma hawn fuq indikata ta` dsatax-il elf, sitt mija hamsa u erbghin ewro u disgha u tmenin centezmu (€19,645.89).*

*Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru kawtelatorju 668/2020, kif ukoll bl-imghax legali bir-rata ta` tmienja fil-mija fis-sena (8%) dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan ir-rikors guramentat sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta` intimata, li hi ngunta minn issa in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti pprezentat mal-istess mar-rikors guramentat.

Rat in-nota ta` ammissjoni li s-socjeta` konvenuta pprezentat illum fir-Registru qabel l-udjenza tal-lum.

**In vista tal-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta bhala debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' dsatax-il elf, sitt mija hamsa u erbghin ewro u disgha u tmenin centezmi (€19,645.89) rapprezentanti bilanc ta` dejn cert, likwidu, u li ghalaq**

**Tilqa` t-tielet talba. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` dsatax-il elf, sitt mija hamsa u erbghin ewro u disgha u tmenin centezmi (€19,645.89) rapprezentanti l-bilanc ta` dejn cert, likwidu, u li ghalaq, bl-imghax legali kif mitlub u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**